Maltesisch

# Informazzjoni

**mingħand l-uffiċjal inkarigat mill-elezzjoni reġjonali tas-Sassonja ta' Isfel**

Prinċipji fundamentali tas-sistema ta' l-elezzjoni lokali tas-Sassonja ta' Isfel

## Prinċipji fundamentali tas-sistema ta' l-elezzjoni lokali tas-Sassonja ta' Isfel

Kull ħames snin fis-Sassonja ta' Isfel jintgħażlu r-rappreżentanti politiċi għal iktar minn elfejn rappreżentanza lokali (l-Assemblea Reġjonali, il-Kunsill Distrettwali, il-Kunsilli tal-Belt, il-Kunsilli Muniċipali, il-Kunsilli tal-Muniċipalità integrata, il-Kunsilli tal-Kontea u l-Kunsilli tal-Lokalità). F'ibliet mingħajr distretti jintgħażel biss il-Kunsill tal-Belt. Barra minn hekk, f'Hannover u f'Braunschweig tiġi ddeterminata l-kompożizzjoni tal-Kunsilli tal-Kontea. F'muniċipalitajiet numerużi, il-votanti jersqu biex jivvutaw kemm għall-Kap ta' l-Awtorità Distrettwali, kif ukoll għas-Sindku u fir-reġjun ta' Hannover għall-President tar-Reġjun ukoll fl-istess ħin. Ħafna drabi, fil-muniċipalitajiet parti minn distrett, il-votanti jissejħu biex jivvutaw f'ħames elezzjonijiet differenti:

- F'muniċipalitajiet membri ta' muniċipalitajiet integrati għall-elezzjoni distrettwali, għall-elezzjoni tal-Kunsilli tal-Muniċipalità integrata, tal-Kunsilli Muniċipali kif ukoll tas-Sindku u tal-Kap ta' l-Awtorità Distrettwali.

- F'muniċipalità individwali, għall-elezzjoni distrettwali, għall-elezzjoni tal-Kunsill tal-Muniċipalità kif ukoll għall-elezzjoni tas-Sindku u tal-Kap ta' l-Awtorità Distrettwali u jekk meħtieġ għall-elezzjoni tal-Kunsill tal-Lokalità.

## Min jista' jivvota?

Huma intitolati biex jivvutaw (hekk imsejħa – dawk li għandhom id-dritt għall-vot) dawk iċ-ċittadini Ġermaniżi jew ċittadini ta' Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea li għalqu s-sittax-il sena u

- li ilhom residenti fiż-żona elettorali rispettiva fejn huma jridu jivvutaw minn ta' l-inqas tliet xhur (per eżempju-fid-distrett tar-Reġjun għall-elezzjoni distrettwali),

- li mhumiex esklużi mid-dritt għall-vot minħabba xi ġudizzju ċivili jew kriminali,

- li huma rreġistrati f'reġistru elettorali u għandhom il-vot.

Ir-reġistri elettorali jitħejjew mill-muniċipalitajiet (il-muniċipalitajiet integrati). Normalment, il-votanti jiġu rreġistrati fir-reġistru elettorali awtomatikament. Madankollu dan isir biss jekk huma ma jinsewx jirreġistraw lilhom infushom fil-muniċipalità tagħhom (fil-ħin)!

## Min jista' jikkuntesta?

Rappreżentanzi Lokali

Fil-ġurnata ta' l-elezzjoni, il-kandidati (hekk imsejħa dawk li għandhom id-dritt li jikkuntestaw elezzjoni) għandhom

- ikunu għalqu t-tmintax-il sena,

- ilhom residenti fiż-żona elettorali minn ta' l-inqas sitt xhur (per eżempju - fil-muniċipalità għall-elezzjoni tal-Kunsill tal-Muniċipalità) u

- li ilhom ċittadini Ġermaniżi jew ta' xi Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea għal ta' l-inqas sena u

- li mhumiex esklużi mill-eliġibbiltà biex jikkontestaw minħabba xi ġudizzju ċivili jew kriminali.

Elezzjonijiet Diretti

Dawk li jistgħu jikkontestaw għall-elezzjoni tas-Sindku jew tal-Kap ta’ l-Awtorità Distrettwali, fil-ġurnata ta’ l-elezzjoni, għandhom

- ikunu għalqu t-23 sena iżda jkunu għadhom ma qabżux il-65 sena,
- ikunu ilhom ċittadini Ġermaniżi jew ta’ xi stat Membru ieħor ta’ l-Unjoni Ewropea għal ta’ l-inqas sena,
- li mhumiex esklużi mill-eliġibbiltà biex jikkontestaw minħabba xi ġudizzju ċivili jew kriminali u joffru garanzija li huma, f'kull ħin, se jaħdmu għall-istruttura kostituzzjonali demokratika libera skond il-Liġi Bażika.

F’dan il-każ, il-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà ma jeħtiġux li l-kandidat ikun residenti fiż-żona elettorali li fiha qed/qiegħda jikkontesta/tikkontesta.

## Min jista’ jinnomina?

Nominazzjonijiet jistgħu jsiru minn partiti politiċi, gruppi li għandhom id-dritt għall-vot (gruppi ta' votanti) u minn individwi. Rigward il-gruppi ta’ votanti, ir-regolamenti elettorali ma fihomx rekwiżiti dwar il-forma ta’ l-organizzazzjoni, il-kwantità eċċ tagħhom. Anki unjonijiet indipendenti ta’ votanti jistgħu jressqu nomini għall-elezzjonijiet lokali bħala grupp ta’ votanti.

## Min jista’ jiġi nnominat?

Kull min jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà jista’

- jitniżżel bħala kandidat fuq il-lista (=nomini għall-elezzjoni) ta’ partit politiku kemm jekk hu membru ta' partit jew jekk mhux membru ta’ partit,
- jifforma grupp ta’ votanti bi sħubija ma’ ċittadini oħra li għandhom l-istess interessi jew simili u li jħejju lista komuni għalihom jew
- joħroġ bħala kandidat individwali.

In-nomini ta’ kandidati u s-sekwenza tagħhom fil-lista ta’ nomini għall-elezzjoni ta’ partit politiku jew ta’ grupp ta’ votanti ffurmat bi sħubija (=struttura simili għal dik ta’ partit bi statut u programm) għandhom isiru bil-magħluq (b’mod sigriet) mill-membri jew delegati tal-partit jew grupp ta’ votanti rispettivi.

Iċ-ċittadini Ġermaniżi u dawk ta’ l-Unjoni li għandhom dritt għall-vot u li huma membri fil-partit jew fil-grupp ta’ votanti bi sħubija biss jistgħu jattendu għall-għażla bil-magħluq. L-għażla bil-magħluq hija valida biss jekk jieħdu sehem minn ta’ l-inqas tliet persuni li għandhom dritt għall-vot.

Bħala regola ġenerali, biex jiġi stabbilit grupp ta’ votanti, tliet persuni intitolati għall-vot huwa suffiċjenti. L-għażla ta' kandidati biex jitpoġġew fuq il-lista ta’ nomini għall-elezzjoni ta’ grupp

ta’ votanti li ma ġiex iffurmat bi sħubija għandha ssir matul laqgħa ta’ dawk il-membri tal-grupp ta’ votanti li għandhom id-dritt għall-vot. Biex tinżamm laqgħa bħal din m’hemm bżonn ta’ l-ebda formalitajiet. Madankollu, għandha tingħata opportunità lil dawk kollha fil-grupp ta' votanti li huma intitolati għall-vot biex jieħdu sehem fil-laqgħa. Hawnhekk tapplika wkoll il-proċedura ta’ l-għażla ta’ kandidati biex jitpoġġew fil-lista ta’ nomini għall-elezzjoni bil-magħluq.

Min ikun irid joħroġ bħala kandidat individwali jista’ jinnomina lilu nnfsu.

Partiti, gruppi ta’ votanti u kandidati individwali jistgħu jressqu n-nomini tagħhom għall-elezzjoni biss jekk dawn ikunu appoġġjati minn dokument uffiċjali b’ammont ta’ firem ta' votanti (spjegazzjoni tinsab fit-taqsima "Kif issir il-votazzjoni?" f’din il-paġna). Dawk li diġà huma rrappreżentati f’rappreżentanzi taż-żona elettorali biss (per eżempju fil-Kunsill Muniċipali) jew fil-*Bundestag* Ġermaniż (parlament federali) jew fil-parlament ta' l-istat federali tas-Sassonja ta' Isfel huma eżentati minn dan l-obbligu. Id-dokumenti uffiċjali għall-firem ta’ appoġġ jingħataw mill-uffiċjal inkarigat mill-elezzjoni taż-żona elettorali. Dan jipprovdi wkoll informazzjoni oħra, bħal per eżempju rigward in-numru ta’ firem ta’ appoġġ meħtieġa.

Għall-kandidatura f’lista ta’ nomini għall-elezzjoni ta’ Sindku (fuq bażi *full-time*) jew tal-Kap ta’ l-Awtorità Distrettwali japplikaw ir-regolamenti ta’ amministrazzjoni.

## Kif issir il-votazzjoni?

Il-votanti jirċievu vot għal kull elezzjoni li huma se jieħdu sehem fiha (per eżempju, wieħed għall-elezzjoni tal-kunsill distrettwali u wieħed għall-elezzjoni tal-Kunsill tal-Muniċipalità, u fejn meħtieġ, ieħor f’każ ta’ elezzjoni tal-Kap ta’ l-Awtorità Distrettwali jew ta’ Sindku).

Għall-elezzjoni tar-rappreżentanzi (per eżempju l-Kunsill distrettwali, il-Kunsill tal-Muniċipalità) japplika d-dritt ta' votazzjoni billi jinxteħtu t-tliet voti bil-possibbiltà ta’ kumulazzjoni[1] u tqassim tal-voti[2]. B’differenza għall-*Bundestag* jew l-elezzjonijiet tal-parlament federali, il-votanti jistgħu f’dan il-każ jimmarkaw tliet slaleb fuq il-vot. Jistgħu jagħtu t-tliet voti fuq lista waħda ta’ nomini (lista totali) jew vot wieħed lill-kandidat wieħed minn lista ta’ nomini (jakkumulaw). Barra minn hekk, it-tliet voti kollha jistgħu jitqassmu fuq diversi listi u/jew fuq diversi kandidati ta' l-istess lista ta' nomini jew ta' diversi listi ta' nomini (tqassim tal-voti).

Is-sistema elettorali tassumi li l-kandidati kollha fuq id-dokument tal-votazzjoni huma speċifikati. Peress li lista ta’ kandidati waħda għaż-żona elettorali totali (per eżempju, muniċipalità, distrett) tinkludi numru kbir wisq ta’ kandidati, iż-żona elettorali tinqasam f’partijiet li bejn wieħed u ieħor ikunu indaqs f'kull waħda b’lista differenti ta’ kandidati.

Jekk issir l-elezzjoni tas-sindku jew tal-Kap ta’ l-Awtorità Distrettwali f’żona elettorali, din issir skond il-prinċipji ta' l-elezzjoni b’maġġoranza. Għal kull waħda minn dawn l-elezzjonijiet diretti, il-votanti għandhom vot wieħed biss li jistgħu jagħtu lill-kandidat wieħed billi jimmarkaw ħdejn ismu fuq il-vot.

---

[1] Jista’ jingħata iktar minn vot wieħed lill-istess kandidat.
[2] Jingħataw il-voti lill-kandidati fuq listi differenti ta’ nomini.

## Kif isir l-għadd tal-voti?

Rappreżentanzi Lokali

Il-mandati tar-rappreżentanzi lokali jingħataw skond il-prinċipji ta' l-elezzjonijiet, lill-persuna eletta b'rappreżentanza proporzjonali.

L-allokazzjoni ta' siġġijiet issir skond, l-hekk imsejħa, il-proċedura proporzjonali maħsuba mill-Ingliż Thomas Hare u mill-Professur tal-matematika Niemeyer. Hawnhekk il-propozjon tal-voti jiġi trasferit b'mod proporzjonali għas-siġġijiet. Għalhekk, in-numru totali ta' siġġijiet li jistgħu jiġu assenjati fir-rappreżentanza rispettiva jiġi mmultiplikat bin-numru ta' voti mogħtija lil nomina u diviż bin-numru totali tal-voti kollha mixħuta. Din il-kalkolazzjoni tirriżulta f'numri proporzjonali. Kull nomina tirċievi tant siġġijiet skond in-numru proporzjonali tagħha. Il-post tal-kandidati fi ħdan il-listi ta' nomini għall-elezzjoni tal-partit u tal-gruppi ta' votanti jinkiseb parzjalment permezz tal-voti miksuba personalment u parzjalment permezz tas-sekwenza ta' nomina li jkunu ngħataw fil-lista tan-nomini. M'hemm l-ebda proporzjon minimu ta' voti għall-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' distribuzzjoni ("*threshold*") fl-elezzjonijiet lokali.

Elezzjonijiet Diretti

L-elezzjonijiet diretti tas-sindku, tal-Kap ta' l-Awtorità Distrettwali jsiru skond il-prinċipji ta' l-elezzjoni b'maġġoranza. Jiġi elett dak li jirċievi iktar min-nofs tal-voti validi jew bħala kandidat ta' l-unika lista ta' nomini ċċertifikata, li minn ta' l-inqas persentaġġ ta' 25 fil-mija tal-votanti rċieva l-maġġoranza tal-voti validi mixħuta. Jekk iktar minn kandidat wieħed jiġu nnominati, imma l-ebda wieħed minnhom ma jkollu maġġoranza ta' voti, issir votazzjoni oħra fit-tieni Ħadd minn wara l-elezzjoni bejn iż-żewġ kandidati bl-ogħla numru ta' voti; f'każ ta' numru ugwali ta' voti, dawk li għandhom jieħu sehem fil-votazzjoni jintgħażlu bil-polza.

## Fejn issir il-votazzjoni?

Biex issir il-votazzjoni jiġu ffurmati distretti elettorali. L-iżgħar muniċipalitajiet (ta' mhux iktar minn 2,500 abitant) jiffurmaw distrett elettorali, l-ikbar muniċipalitajiet jinqasmu f'diversi distretti elettorali. Il-muniċipalitajiet jiffurmaw numru ta' distretti elettorali kif ukoll żona elettorali għal kull distrett elettorali.

Kull min jiġi rreġistrat fir-reġistru elettorali jirċievi awtomatikament avviż dwar l-elezzjoni. Fuqu jkun hemm indikat iż-żona fejn il-votant jista' jeżerċita d-dritt għall-vot tiegħu/tagħha. Min ma jkunx jista' jmur fiż-żona indikata minħabba raġuni valida (per eżempju vaganza, mard) jew f'każ li ma ġiex irreġistrat fir-reġistru elettorali mhux bi żvista tiegħu/tagħha, jista' jitlob vot u jagħmel użu mill-possibbiltà li jivvota permezz ta' korrispondenza.

## Min imexxi l-elezzjoni?

Il-preparazzjoni u l-eżekuzzjoni ta’ l-elezzjoni lokali jaqgħu primarjament fl-ambitu tar-responsabbiltà tal-muniċipalitajiet; l-uffiċċji għar-reġistrazzjoni elettorali tagħhom għandhom jissodisfaw numru konsiderevoli ta’ karigi organizzativi individwali. Dawn jinkludu, per eżempju:

- Linji gwida għar-reġistri elettorali
- Avviżi lill-votanti dwar id-dritt tal-vot
- Tqassim tal-voti u tad-dokumenti tal-votazzjoni permezz ta’ korrispondenza
- Għażla taż-żoni elettorali (postijiet għall-votazzjoni)
- Ħatra tal-membri tal-bord elettorali u t-taħriġ tagħhom
- Provvista tal-karti tal-voti
- Ġabra tar-riżultati elettorali mid-distretti elettorali individwali
- Żamma tad-dokumenti elettorali

Miżuri u deċiżjonijiet importanti għandhom jittieħdu minn korpi elettorali indipendenti u mhux mill-awtoritajiet amministrattivi. Dawn huma uffiċjali responsabbli mill-elezzjoni u uffiċċjali ta’ kumitati elettorali li jiġu ffurmati fid-distretti, fil-muniċipalitajiet u fil-muniċipalitajiet integrati. Dawn jiġu maħtura għal kull żona elettorali (per eżempju distrett, muniċipalità) u jinħatar ukoll bord għall-ġurnata ta’ l-elezzjoni.

Il-kariga tal-kumitati elettorali hija, fuq kollox, l-eżaminazzjoni u l-ħruġ ta’ permess għal nomini għall-elezzjoni u r-rapport tar-riżultat elettorali finali.

Il-bord huwa responsabbli mill-postijiet tal-votazzjoni tad-distretti elettorali individwali, għall-proċedura għall-operat tal-votazzjoni u għar-rapport elettorali.

Il-membri tal-kumitati u tal-bord jinħatru minn fost il-votanti taż-żona elettorali rispettiva u jaħdmu b’mod volontarju. Kull votant għandu l-obbligu li jieħu l-kariga ta' uffiċjal volontarju bħal dan. Fis-Sassonja ta’ Isfel kollha, madwar 75,000 uffiċjal volontarju huma meħtieġa għall-elezzjoni lokali.